



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12951/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0340 (NLE)

ACP 91
FIN 772
PTOM 29

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-lżvilupp, inkluż it-tielet ħlas parzjali għall-2018

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri
għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp,
inkluż it-tielet ħlas parzjali għall-2018**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u t-territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ")¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17.

Billi:

- (1) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta sal-10 ta' Ottubru 2018 li tispjega: (a) l-ammont tat-tielet ħlaq parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2018 u (b) ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2018, f'każijiet fejn l-ammont iwarja mill-bżonnijiet reali.
- (2) Skont l-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u l-pagamenti taħt l-istrumenti ġestiti minnu.
- (3) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jistipula li s-sejthiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jużaw l-ammonti stipulati fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) preċedenti. Għalhekk, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont il-11-il FEŻ għall-fondi imsejħa mill-Kummissjoni.
- (4) Fid-9 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta d- Deċiżjoni (UE) 2018/965¹, li tiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għall-2018 għal EUR 4 250 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 250 000 000 għall-BEI.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/965 tas-6 ta' Lulju 2018 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni pagament parzjali u ammont annwali rivedut għall-2018 (ĠU L 172, 9.7.2018, p. 4).

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ li jridu jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala t-tielet ħlas parzjali għall-2018 huma previsti fit-tabella li tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

STATI MEMBRI	Skema tal-10 FEŻ %	Skema tal-11-il FEŻ %	It-tielet ħlas parzjali tal-2018 (EUR)		Total
			Il-Kummissjoni Il-11-il FEŻ	Il-BEI L-10 FEŻ	
IL-BELĠJU	3.53	3.24927	29,243,430.00	0.00	29,243,430.00
IL-BULGARIJA	0.14	0.21853	1,966,770.00	0.00	1,966,770.00
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	0.51	0.79745	7,177,050.00	0.00	7,177,050.00
ID-DANIMARKA	2.00	1.98045	17,824,050.00	0.00	17,824,050.00
IL-ĠERMANJA	20.50	20.57980	185,218,200.00	0.00	185,218,200.00
L-ESTONJA	0.05	0.08635	777,150.00	0.00	777,150.00
L-IRLANDA	0.91	0.94006	8,460,540.00	0.00	8,460,540.00
IL-GREĊJA	1.47	1.50735	13,566,150.00	0.00	13,566,150.00
SPANJA	7.85	7.93248	71,392,320.00	0.00	71,392,320.00
FRANZA	19.55	17.81269	160,314,210.00	0.00	160,314,210.00
IL-KROAZJA	0.00	0.22518	2,026,620.00	0.00	2,026,620.00
L-ITALJA	12.86	12.53009	112,770,810.00	0.00	112,770,810.00
ĊIPRU	0.09	0.11162	1,004,580.00	0.00	1,004,580.00
IL-LATVJA	0.07	0.11612	1,045,080.00	0.00	1,045,080.00
IL-LITWANJA	0.12	0.18077	1,626,930.00	0.00	1,626,930.00
IL-LUSSEMBURGU	0.27	0.25509	2,295,810.00	0.00	2,295,810.00
L-UNGERIJA	0.55	0.61456	5,531,040.00	0.00	5,531,040.00
MALTA	0.03	0.03801	342,090.00	0.00	342,090.00
IN-NETHERLANDS	4.85	4.77678	42,991,020.00	0.00	42,991,020.00
L-AWSTRIJA	2.41	2.39757	21,578,130.00	0.00	21,578,130.00
IL-POLONJA	1.30	2.00734	18,066,060.00	0.00	18,066,060.00
IL-PORTUGALL	1.15	1.19679	10,771,110.00	0.00	10,771,110.00
IR-RUMANIJA	0.37	0.71815	6,463,350.00	0.00	6,463,350.00
IS-SLOVENJA	0.18	0.22452	2,020,680.00	0.00	2,020,680.00
IS-SLOVAKKJA	0.21	0.37616	3,385,440.00	0.00	3,385,440.00
IL-FINLANDJA	1.47	1.50909	13,581,810.00	0.00	13,581,810.00
L-IŻVEZJA	2.74	2.93911	26,451,990.00	0.00	26,451,990.00
IR-RENJU UNIT	14.82	14.67862	132,107,580.00	0.00	132,107,580.00
TOTAL TAL-EU-28	100.00	100.00	900,000,000.00	0.00	900,000,000.00